# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/2267

## tas-6 ta' Diċembru 2016

## li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann/il-Bank Ċentrali tal-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 4 dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2016 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali tal-Irlanda (BĊE/2016/29) ([1]),

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jridu jiġu vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann/il-Bank Ċentrali tal-Irlanda skada wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2015. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2016.

(3) Banc Ceannais na hÉireann/il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għażel lil Mazars bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

(4) Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE rrakkomanda li Mazars jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann/il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

(5) Wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill Governattiv tal-BĊE, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE ([2]) tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Mazars huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni ta' Banc Ceannais na hÉireann/il-Bank Ċentrali tal-Irlanda għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

([1]) ĠU C 413, 10.11.2016, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/70/KE tal- 25 ta' Jannar 1999 dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali (ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊE.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. KAŽIMÍR